MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1143/2004

**Carmelo Schembri**

**Vs**

**Francis Caruana**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' erba' mitt lira Maltin u disghin centezmu (Lm400.90c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti kif ukoll il-karozza ta' l-istess konvenut ma kienetx assigurata.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut eccepixxa:

- Fl-ewwel lok qal li ma kellu ebda relazzjoni guridika ma' l-attur.

- Fit-tieni lok qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

- Fit-tielet lok qal li ma pprezenta ebda Kontro-Talba stante li fil-vettura tieghu ma gew ikkagunati ebda danni.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut qal:

"Jien kont niezel fi Triq il-Parrocca u f'daqqa wahda hassejt daqqa fuq wara."

Dr Damian Schembri qal:

"Jien kont niezel fi Triq il-Parrocca u f'daqqa wahda rajt karozza wieqfa u waqaft warajha. Imbaghad din il-karozza rriversjat u bdiet tikser biex tipparkja. Waqt li din il-karozza kienet gejja b'lura din laqtitni waqt li jien kont ghadni wieqaf."

Ra l-verzjoni tal-pulizija:

"This report was entered here and not on a Front To Rear Form, because an argument arose on site and said form was not possible to be filled.
The police were informed by Dr Damian Schembri LLD that he was informed by Bonnici Insurance Limited that vehicle number CGY 024 was not insured for the current year i.e. between the 31.03.03 and 24.09.03. Charge against Francis Caruana driver of CGY 024 was issued as per CH/B No. 13, OCC. 250/2003."

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' PS 1133 Joseph Borg fejn jikkonferma r-*Road Accident Report*. Jikkonferma wkoll illi l-konvenut ma kienx kopert mill-assigurazzjoni. Skizz m'hemmx.

Ra x-xhieda ta’ PC 1242 Jeffrey Gilson fejn jikkonferma li ra l-karozzi mahbutin. Jghid illi tal-vettura Peugeot 405 kien qallu li kien ser jirriversja sabiex jidhol fil-parking u tal-vettura ta’ warajh ma rahx, irriversja u baqa’ diehel go fih. Jghid li meta kellem lis-sid tal-vettura ta’ wara, l-attur, kien qallu illi ra lill-konvenut jirriversja u hu waqaf izda l-istess konvenut baqa’ gej ghal fuqu.

Ra x-xhieda ta’ Dr Damian Schembri fejn jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*. Jghid li wara l-incident il-konvenut ressaq il-vettura tieghu.

Ra x-xhieda ta’ Carmelo Schembri fejn jikkonferma li Dr Damian Schembri kien qed isuq il-vettura tieghu. Jikkonferma wkoll illi hu sofra d-danni.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid li dakinhar ta’ l-incident kien waqaf f’*side street* u sakemm kien qed jistenna biex jara jekk humiex gejjin karozzi jghid li gie Dr Damian Schembri u baqa’ diehel go fih.

Jghid li meta Dr Schembri hareg mill-karozza beda jghajru. Dr Schembri rrifjuta wkoll li jaghmel il-*breathalyzer test*.

Jikkonferma li kien wieqaf filwaqt li jichad li kien qed jipparkja.

Ra xhieda ohra ta’ Dr Schembri fejn jichad illi l-habta saret f’dik il-parti tat-triq fejn qal il-konvenut. Jichad ukoll illi l-konvenut kien wieqaf u hu baqa’ diehel fuqu. Jghid li ma jiftakarx jekk kienx hemm *reverse lights*.

Dr Schembri jikkonferma li kien bejn hames u sitt piedi ‘l boghod mill-karozza tal-konvenut.

Illi dan it-Tribunal irid jara jekk l-attur gabx bizzejjed provi li l-incident gara tort tal-konvenut. Illi r-**regolament 67 tal-MVR** jipprovdi:

“No person shall cause the motor vehicle to travel backwards for a greater distance or time than is

absolutely necessary and shall take such precautions as are required to avoid collisions and accidents with persons or to other vehicles on the road.”

Fil-kawza **Il-Pulizija Vs J. Aquilina - Qorti Kriminali 12/3/1961** saret referenza ghas-sentenza tal-**Corte di Cassazione ta’ l-Italja** fejn gie ritenut:
“La retromarcia di un autoveicolo consituisce uno spostamento anormale e difficile e va quindi eseguito con particolare prudenza. Se il conducente, per la sagoma dell’autoveicolo or per altra causa, no e’ in grado di vedere tutta la via a tergo, la prudenza impone di servirsi di altra persona che, da terra, controlli la manovra.”

Fil-kawza **Azzopardi Vs Camilleri - PA 11/7/1996** gie ddikjarat li sewwieq miexi b’lura ghandu b’mod l-aktar assidwu jzomm *a proper lookout*.

Illi l-konvenut bla dubju kellu jassigura li seta’ jirriversja minghajr ma jostakola l-vetturi fit-triq u kellu wkoll izomm *a proper lookout*.

Illi l-konvenut kien qal lil PC 1242 Jeffrey Gilson li kien ser jirriversja sabiex jidhol gol-parking filwaqt li fix-xhieda tieghu qal li kien wieqaf jiccekkja jekk humiex gejjin karozzi.

Illi l-verzjoni ta’ Dr Damian Schembri dwar kif grat il-habta hija iktar kredibbli u kkonfermata mill-pulizija PC 1242 Jeffrey Gilson. Illi ezatt wara l-habta Dr Schembri nforma lill-pulizija li nvestiga l-incident li PC 1242 Jeffrey Gilson sema’ lill-konvenut jghid li kien qed jirriversja.

Illi d-danni m’humiex ikkontestati u gew esebiti l-ircevuti li huma ragunevoli.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta’ erba’ mitt lira Maltin u disghin centezmu (Lm400.90c) bl-imghax mill-15 t’April, 2004 u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------